# EX VOTO U WEGHDIET

MINN RAFEL BONNICI CALI'

Jekk niehdu l-ghadd tal-knejjes li fihom fadal xi ghotjiet tal-weghdi, mill-ewwel nindunaw, li meta ma kienx hawn kunditajiet ta' traffiku, kien hawn knejjes meqjusa bhala santwarji f'kull naha tal-gzejjer taghna; minn dawn fadal tal-Mellieha, ta' Haz-Zabbar, Tal-Herba(f'Birkirkara) ta' Duna,(fir-Rabat), u ohrajn, kollha bl-isem tal-Madonna, bhal ma huma l-Madonna tal-Karmnu, tal-Mensija, ta' l-Isperanza, tal-Providenza, tal-Miraklu, tal-Ghar, u ohrajn. F'Ghawdex hemm tal-Qala, u ta' Pinu.

Nafu li kien hemm ohrajn li tilfu l-ghadd ta' kwadri zghar tal-Weghdi, maghrufa ahjar bhala tal-Ex-Voto, u maghhom tilfu wkoll l-isem li kellhom ta' Santwarju. Dan gara, minhabba li ir-rettuti ta' dawn il-knejjes zbaljaw meta warrbu dawn il-kwadri Weghdi, bl-iskuza li dawn ma kellhomx sisi ta' arti. Bosta minn dawn il-kwadri-weghdi, thallew jinqerdu, u maghhom inqerdu pagni ta' historja ta' missirijietna, ghax dawn kienu juru xeni u grajjiet ta' niket jew ferh mill-hajja ta' kuljum, li fihom konna naraw id-drawwiet fl-ilbies, ghamaratad-djar, ghodod, snajja, u hwejjeg ohra ta' l-imghoddi. Fihom konna naraw mohh il-poplu, it-twemmin u t-tama li kellu, waqt li kien ihabbat wiccu mal-gwaj, max-xorti hazina tal-mard, dizgrazzji u ghawg iehor.

Barra mit-tpingija hazina jew tajba, li kienet bizzejjed biex turi dan il-ghawg, il-kwadri weghda aktarx kien ikollhom maghhom ukoll kitba qasira, li turi l-isem ta' min ghamel il-weghda, bid-data u l-historja ta' din il-grajja.

Il-kitba kienet aktar miktuba bit-taljan , ghax dan kien l-ilsien ta' l-amministrazzjoni tal-Gvern u tal-Knisja, sas-seklu li hareg, u ghadd gmielu ta' ezempji ghad mistghu narawhom fis-santwarji li fadal.

Ir-retturi tas-santwarji, hemm bzonn li jifhmu li dawn il-kwadri weghda huma l-isbah tizjin tal-knisja, tizjin wisq aktar siewi mid-damaski u irhamijiet li jistghu jinxtraw bil-flus kull meta wiehed irid, imma dawn l-oggetti tal-weghda ma jinxtrawx, u ma ssibhomx meta trid; dawn saru f'waqthom biss, frott tac-cirkostanzi li sab fihom poplu msejken mahkum mill-mard, disgrazzji u ghawg iehor.

Il-poplu, fidil ghat-twemmin tieghu, ried juri qalbu meta heles mill-mard, tempesti, disgrazzji fuq l-art, u grajjiet ohra li kienu jnikktuh. Dawn il-kwadri weghdi kienu l-isbah sfog ta' hajr lejn il-grazzji li nqalghu ghat-talb lill-Alla bil-ghajnuna tal-Madonna u tal-qaddisin, kif jidher fil-kitba fuq l-istess kwadru jew ghotja ohra.

"jew ghotja ohra" ghandha tfakkarna li l-ghonja aktarx kienu jaghtu flus jew oggetti tal-fidda jew deheb, waqt li hadd-iehor kien jaghti xema', zejt, u hwejjeg ohra ta' htiega ghas-santwarju. Kienhemm min jaghti bastun jew krozzi wara li helsu minn mard fis-sieq, kintorini wara' l-ugigh tad-dahr, habel li salva lill-xi hadd mill-gharq, xabla li wiehed biha heles mill-ghadu, medalji, lbiesi, u hwejjeg ohra li jfakkru l-qaghda mweghra li wiehed kien fiha. Xi nisa kellhom ukoll id-drawwa li jaghtu xi deheb li bih kienu jizzejnu, xi gizirana, labra, curkett, imsielet; ohrajn kienu jaghtu forom tal-fidda ta' idejn, saqajn, ucuh, widnejn, jew figura shiha ta' bniedem, tarbija fil-fisqija, , rgiel jew nisa gharkubtejhom, li kienu jinxtraw mill-argentiera bi ftit flus, imma ma kellhomx lizvanta gg li jithassru biz-zmien, bhalma kien jigri lill-kwadri-weghda,

li kienu mpingijin fuq drapp jew injam, li jitmermru bil-umdu.

Dawn il-forom kellhom it-tifsir taghhom; nghidu ahna, forma ta' id, sinjal car ta' mard fid-dirgh, u l-istess nghidu ghall-forom l-ohra. Kienhemm min jaghti forma ta' qalb, mhux ghax marid b'qalbu, imma ghax kellu xi mard iehor tar-ruh jew tal-gisem, mard li ma riedx juri x'kien.

Il-foqra kienu wkoll sabu mezz kif juru l-istess haga bhal-dawk li kienu jixtru il-forom tal-fidda. Dawn kienu jixtru jew jaghmlu b-idejhom stess, forom tax-xemgha, ta' saqajn, idejn ecc., li ftit li xejn fadal minnhom fis-santwarji taghna.

Ta' min ihajjar lir-retturi tas-santwarji, li jghozzu kull ghamla ta' ex-voto, kemm jekk huma tal-fidda, u kemm jekk huma ta' materjal iehor, bhall-krozzi, bsaten, hbula, injam, xemgha, ecc., imma fuq kollox jippreservaw il-pitturi li jfakkru fil-grazzji, ukoll bil-kitba, ghax dawn huma l-ahjar xieda tal-weghdi. Ikun ukoll haga flokha, jekk jingabar kollox fi ktieb, imqar f'manoskritt, kull oggett, bil-kitba u l-istorja tieghu, bhalma ghamel il-kappillan Dun Guzepp Zarb, illum Monsinjur, li kollu hegga, gabar gabar kull haga ta' devozzjonili sab fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzji f'Haz-Zabbar, nizzel kollox fi ktieb u stampah, u kompla gabar kollox f'muzew maghqud mal-knisja, bhalma hemm go santwarji ohrajn barra minn Malta, nghidu ahna dak tal-Madonna ta' Pompej.

F'dan l-artiklu qasir, jixraq li nghidu xi haga dwar il-weghdi ghamla ta' talb, pellegrinaggi, zjarat, u ghemil iehor, bhal ghotja ta' karita mal-foqra, istituti ta' l-iltiema, ecc. L-awtorita' tal-Knisja, meta tat xi hemm nazzjonali, bhal xi pesta, gwerra, jew gwaj iehor, aktarx li ghamlet weghda ta' pellegrinagg ta' penitenza, bhal fil-kaz ta' San Girgor, meta l-isqof jitlaq mill-kattidral ghall-knisja taz-Zejtun, imma l-bniedem individwali aktarx kien jimxi minn daru, sa xi knisja

mbeghda, fejn jaghmel zjara, u jaghti hajr l-Alla ghall-grazzja li jkun qala', Nghidu ahna, nies tal-Kottonera u l-inhawi, aktarx li kienu jaghzlu jimxu sas-santwarju tal-Mellieha waqt li dawk ta' nhawi ohra kienu jaghzlu li jimxu sa dak ta' Haz-Zabbar jew knejjes ohra skond is-sahha ta' dak li jkun.

Mbaghad kienet dahlet ukoll id-drawa tal-mixi mis-sinjuri hafja, qara purcissjonijiet tal-Gimgha l-kbira, ta' irgiel jerfghu is-slaleb jew il-vari, jew ohrajn imxekklin minn-ktajjen tal-hadid wara l-istess vari da' din il-purcissjoni hekk devota.

Ma dawn id-drawwiet jistghu jinghaddu wkoll dawk li jiehdu fliexken zaghar biz zejt mill-lampiet tas-santwarji, biex jidilku fejn ikunhemm l-ugigh, jew dawk li jiehdu l-ilma tan-nixxiegha mill-ghar tal-Madonna tal-Mellieha biex jixorbuh flok medicina ghall-fejqan taghhom.

Naghlaq billi nghid li dawn m'humiex drawwiet taghna l-Maltin biss, imma ta' kull poplu iehor li jsib ruhu mahkum mill-bizgha, u ma jibqaghlux ghajr it-tama fil-hanin Alla.

\- - - - - - - - - -

OPPOSITE..... The Water Seller, a sketch by G.Lanfranco.

When most feast days occur during the summer, it is to be understood that thirst has to be quenched; nowadays we find a large number of drinks available at stands, ice-creams and other refreshments, but our forefathers did not have these facilities. When the festa is in one's own village or town, one could easily have a drink at home or at friends or tavern, but when visiting a neighbouring village, mostly walking to the place, one had to rely on the water seller for a cup of refreshment.

---oooOOOooo---